**281. Is-Segretarju Parlamentari l-Onor Jesmond Mugliett, f'isem il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent, ippropona din ir-Riżoluzzjoni:-**

Illi l-Kamra tapprova r-Riżoluzzjoni li ġejja liema Riżoluzzjoni tikkonsisti f'Dokumenti "A", "B", "C", "D", "E" u "F".

**<u>Dokument "A"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'ċens lil *Foundation for Social Welfare Services* proprjeta' f'Ħal Luqa, kif inhu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-proprjeta' f'Ħal Luqa, kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti b'ċens lis-Sedqa, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**<u>Dokument "B"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'kera lil *Eden Foundation* il-Maħżen Nru 17 Xatt il-Mollijiet fil-Marsa, kif inhu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taht il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Maħżen Nru 17 Xatt il-Mollijiet fil-Marsa, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mikri lil *Eden Foundation*, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**<u>Dokument "C"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jbigħ lil *Maltacom p.l.c.* il-fond magħruf bħala l-ex Naafi Bakery fil-Marsa kif inhu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew

amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-sehh fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond magħruf bħala l-ex Naafi Bakery fil-Marsa, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġi mibjugħ lil *Maltacom p.l.c.* skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**<u>Dokument "D"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'kera lill-*Y.M.C.A.* il-Fond Nru 178 Triq il-Merkanti fil-Belt Valletta, kif inhu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-Att Nru XXXIII ta’ l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Fond Nru 178 Triq il-Merkanti fil-Belt Valletta, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mikri lill-*Y.M.C.A.*, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**<u>Dokument "E"</u>**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jissostitwixxi l-kundizzjoni numru 3 tal-kuntratti għall-għoti ta' ċens temporanju ta' disgħa u disgħin (99) sena tal-*plots* agrikoli fil-Qammiegħ, l-Għadira, li kopja tagħhom qiegħda tiġi mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra bħala Dokument "I", kif murija fuq il-pjanta L.D. 105/66, li kopja tagħha qieghda tiġi mqieghda fuq il-Mejda tal-Kamra bħala Dokument "II";

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) ta’ l-artikolu 2 ta’ l-Att Nru XXXIII ta’ l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li kull bidla ta' kull kundizzjoni inkluża fit-trasferiment ta' xi art tfisser "trasferiment";

U billi huwa xieraq li l-bdil ta' din il-kundizzjoni jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-kundizzjoni numru 3 tal-kuntratti kollha li kopja tagħhom qiegħda f'Dokument "I" tiġi mibdula skond l-abbozz ta' modifika li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra bħala Dokument "III", u li l-kuntratti eventwali jiġu ppubblikati ma' l-utilisti attwali.

**Dokument "F"**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi l-isport, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetajiet lil *Clubs* u Assoċjazzjonijiet ta' l-Isports, b'titlu ta' ċens temporanju jew kera, il-proprjetajiet kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bic-ċens jew kera, u taht il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:-

(I) Il-proprjetajiet li jinsabu:-

1. Il-Fondi 6 u 7 Triq it-Tiġrija, Marsa (Malta Amateur Athletic Association)

2. Club House u Pitch tal-Boċċi fi Triq Salvu Sacco, Hal Kirkop (Kirkop Boċċi Club)

3. Club House u Pitch tal-Boċċi fil-Housing Estate Vjal Oleander, Santa Lucia (Santa Lucia Boċċi Club)

4. Club House u Pitch tal-Boċċi fil-Housing Estate Triq Antonio Chircop, Qrendi (Qrendi Boċċi Club)

5. Club House u Pitch tal-Boċċi f'Ta' l-Istabar Triq Manoel Dimech, Qormi (San Bastjan Boċċi Club)

6. Club House u Pitch tal-Boċċi fi Triq Marina, Pieta' (Pieta' Boċċi Club)

7. Club House u Pitch tal-Boċċi fi Ġnien Pubbliku fi Triq Santa Tereża, kantuniera ma' Pjazza Dun Tarcis Agius, Wied il-Għajn (Klabb tal-Boċċi Wied il-Għajn)

8. Club House u Pitch tal-Boċċi fi Trejqa tal-Parroċċa, Mosta (Mosta Boċċi Club)

9. Football Ground u Dressing Rooms fi Triq A.M. Valperga, Fgura (Fgura Football Club)

10. Club House u Store fi Triq San Girgor, Zejtun (Zejtun Red Stars A.F.C.)

11. Art adjaċenti mal-Ground tal-Football fi Triq Qasam Barrani, Mellieħa (Mellieħa Sports Club)

12. Football Ground u bini fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex (Gozo Football Federation)

13. Shooting Club u Shooting Range f'Hal Far (Birzebbugia Shooters Club)

14. Club House u Stores li jinsabu taħt Triq Santa Theresa, Cospicua (Regatta Club Cospicua)

15. Art adjaċenti Triq il-Knisja Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar (Għaqda Sajjieda u Dilettanti Buġibba)

16. Art matul Triq Rudolph Saliba, Rabat (Rabat Scouts Group)

17. Bini fi Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex (Malta Playing Fields Association)

18. Art f'Telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid (Paola Wolves Sports Club)

19. Art fil-Marsa (Marsa Sports and Country Club)

20. Sit f'San Pawl il-Baħar (Young Sailors Club)

kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b'titlu ta' ċens temporanju lill-*Clubs u* Assoċjazzjonijiet hawn fuq imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

(II) Il-proprjetajiet li jinsabu:-

1. Is-sit fil-kumpless sportiv fi Triq Vincenzo Dimech kantuniera ma' Triq il-Mall, Floriana (Assocjazzjoni Sport Floriana)

2. Il-Football Grounds u Dressing Rooms/Pump Room fil-kumpless sportiv fi Triq Vincenzo Dimech kantuniera ma' Triq il-Mall, Floriana (Floriana Football Club)

3. Il-Hockey Pitch fil-kumpless sportiv fi Triq Vincenzo Dimech kantuniera ma' Triq il-Mall, Floriana (Young Stars Hockey Club)

4. Il-Basketball Court u Dressing Rooms fil-kumpless sportiv fi Triq Vincenzo Dimech kantuniera ma' Triq il-Mall, Floriana (Floriana Basketball Club)

5. Il-Club House u Pitch tal-Boċċi fil-kumpless sportiv fi Triq Vincenzo Dimech kantuniera ma' Triq il-Mall, Floriana (Floriana Boċċi Club)

6. Is-sit f'Hal Far (Drag Racing Association)

7. Is-sit f'Hal Far (Island Karting Club)

8. Il-Club House u Pitch tal-Boċċi fil-kumpless sportiv fi Triq Diċembru Tlettax, Marsa (Marsa Boċċi Club)

9. Tliet imħażen u art f'Pembroke (A.S. Libertas)

10. Il-Club House f'numru 14 Blokk A Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla (Saint George's Football Club)

11. Il-Club House u Pitch tal-Boċċi f'Islet Promenade, Bugibba (Ċentru Boċċi Bugibba)

12. Sit fi Triq Birzebbuga, Birzebbuga (Għaqda Sajjieda Dilettanti Birzebbuga)

13. Art f'Baħar iċ-Ċagħaq (Birkirkara Scout Group)

14. Art f'Ta' Qali (Malta Model Aircraft Flying Association)

kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mikrija lill-*Clubs* u Assoċjazzjonijiet hawn fuq imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

09.05.2002